**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 21 TA' FRAR, 2002

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 1487/01AE**

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Farrugia u l-istess Carmel Farrugia**

**vs**

**Anthony Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' sebgha mija u hamsa u tletin lira Maltija u tlett centezmi (Lm735.03) [Lm685.03 lis-socjeta Elmo

Insurance Agency Limited u Lm50 lil Carmel Farrugia] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh fil-Floriana fil-21 ta' April 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru JAB 528 kien il-kagun li vettura numru FBD 689 propjeta tal-attur Carmel Farrugia u misjuqa minnu tahbat mal-vettura CLR 269 propjeta ta' terzi – ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 9) li permezz taghha ddikjara li ma kien involut fl-ebda incident tat-traffiku, u dan peress li kien wieqaf fuq Stop Sign jistenna biex johrog fuq it-triq principali meta ra lil Carmel Farrugia, l-assikurat tas-socjeta attrici, jiskidja u jahbat mal-vettura bin-numru CLR 269.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fil-21 ta' April 2001 sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura ta' l-attur (FBD 689) u l-vettura tal-marka Polo bin-

numru CLR 269. Il-habta sehhet fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

2. Jibda biex jinghad li l-fatt li ma tkunx grat kollizzjoni attwali bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut ma jfissirx li dan ikun awtomatikament ezonerat minn kull responsabbilta (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Geoffrey Gauci Grech vs Emmanuel Zahra** deciza fit-18 ta' Novembru 1992).

3. Huwa fatt maghruf li s-*side road* user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, ghandu obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u li sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog minghajr hsara ghall-vetturi li jkunu ghaddejjin mit-triq principali. Madankollu, *"il-main road user ukoll ghandu joqghod attent fil-cross roads, imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas ghax hu ma jkunx qed jiddisturba il-kors tat-traffiku imma jkun miexi ghad-dritt"* (**Il-Pulizija vs George Buttigieg et** – Vol. XLVII.iv.1198).

4. L-atturi qeghdin jikkontendu li r-responsabbilta ghall-incident ghandha tigi akkollata fuq il-konvenut, li fil-hin ta' l-incident kien hiereg minn Triq Hannibal Scicluna u bil-

manuvra li ghamel tellef lill-attur il-kontroll tal-vettura tieghu. Min-naha l-ohra, il-konvenut qieghed jikkontendi li meta sehhet il-habta, huwa kien ghadu wieqaf wara s-sinjal "*Stop*" u li l-ebda mill-vettura tieghu ma kienet tesporgi ghal fuq it-triq principali (Triq l-Assedju l-Kbir).

5. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Huwa risaput li min jallega jrid jipprova. It-Tribunal irid jiddecidi ghab-bazi tal-principju *iuxta allegata et probata*, u dan skond it-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it….. In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff".*

6. Fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni tal-fatti li nghatat minn Claire Axiaq (is-sewwieq tal-vettura Polo bin-numru CLR 269) hija wahda indipendenti u ta' min wiehed jistrieh fuqha. Din

ix-xhud xehdet b'mod preciz u t-Tribunal m'ghandu l-ebda raguni ghalfejn jiddubita mill-kredibbilita taghha li ma jirrizulta li ghandha l-ebda nteress fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Mix-xhieda taghha, s-segwenti fatti huma rilevanti:

(a) *"meta sehh l-incident, il-vettura li harget minn Triq Hannibal P. Scicluna kienet harget xi nofs 'il barra minn fuq l-istop sign illi hemm f'din it-triq. F'dak il-hin mill-faccata giet vettura bin-numru FBD 689 li baqghet diehla fil-karreggata li minnha kont gahddejja jien, u laqtet il-karrozza tieghi.... Nikkonferma li minn* ***dak kollu li rajt jiena, din il-manuvra mill-vettura l-ohra saret biex tevita l-vettura li harget minn Triq Hannibal P. Scicluna****"*.

(b) *"L-ewwel darba li jiena rajt il-vettura li kienet hierga minn Triq Hannibal P. Scicluna, kienet hierga minn fuq l-istop sign. Fl-ebda hin ma rajtha wieqfa wara l-istop sign"*.

(c) *"****Jiena l-vettura li harget minn Triq Hannibal P. Scicluna rajtha hierga b'certu speed****"*.

Verzjoni li hija sostanzjalment riprodotta fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-incident, u li xxejjen ghal kollox il-verzjoni moghtija mill-konvenut.

7. It-Tribunal ma jistax ma jirrilevax ukoll il-verzjonijiet kontrastanti moghtija mill-konvenut u minn martu (Christine Bartolo) li kienet bilqeghda fis-seat tal-passiggier. Hekk per ezempju, Christine Bartolo xehdet: *"Waqt li konna weqfin, jiena harist fuq il-lemin. Fuq il-lemin tieghi kien hemm hajt; pero' jiena rajt din il-vettura niezla mid-direzzjoni tal-Furjana"* (seduta tat-12 ta' Frar 2002). Min-naha l-ohra, l-konvenut xehed li huwa ma setax jara minhabba l-hajt. L-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mill-attur kien meta din ghaddiet minn quddiemu. Mix-xhieda rrizultaw inkonsistenzi ohra, bhal f'liema direzzjoni saq il-konvenut wara li sehh l-incident.

8. Huwa fatt inkontestat li l-vetturi li jkunu hergin minn Triq Hannibal P. Scicluna ghal fuq Triq l-Assedju l-Kbir, ghandhom il-vizwali taghhom ostakolata. Dan il-fattur jitlob ghall-iktar attenzjoni meta l-vettura tigi biex tidhol ghal fuq it-triq principali. Kif tajjeb inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Barbara vs Peter Borg Bartolo** deciza fil-5 ta' Ottubru 1993 (Imhallef J. Said Pullicino), *"il-konvenut jipprova javvanza l-iskuza illi mnejn kien hiereg hu ma setax jara – skuza inaccettabbli li tkompli taggrava w mhux tnaqqas ir-responsabbilta"*. Ghalkemm fil-kaz odjern il-konvenut m'huwiex iressaq din l-iskuzanti peress li huwa jinsisti li waqaf wara s-sinjal "Stop" [li tfisser sempliciment li tieqaf zobtu, ghal kollox u fil-hin wara s-sinjal], it-Tribunal qieghed jaghmel

riferenza ghal din il-gurisprudenza in vista ta’ dak li ntqal iktar ‘il fuq.

F’dan l-istadju huwa opportun li jigi rilevat li l-mera li hemm faccata ta’ Triq Hannibal P. Scicluna ma setatx tghin lill-konvenut ghat-traffiku gej minn fuq il-lemnin tieghu peress li kif jirrizulta mir-ritratti ezebiti, din il-mera qeghda ghat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni tal-Belt, Valletta u mhux mid-direzzjoni tal-Furjana. Dan il-fatt gie kkonstat ukoll mit-Tribunal li kellu l-opportunita jaccedi fuq il-post u jqies il-konfigurazzjoni tat-toroq u fatturi ohra.

9. Huwa minnu li skond il-gurisprudenza, *“meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc ta’ probabiltajiet favur l-istess attur”* (**G. Mifsud vs P. Micallef** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Lulju 1997). Principju li fil-fehma tat-Tribunal ma jsibx applikazzjoni ghall-kaz *de quo*, peress li mill-assjem tal-provi l-verzjoni tal-atturi hija iktar verosimili. Irrizulta li bil-manuvra li ghamel il-konvenut, holoq ostakolu lill-attur li fit-tentattiv iddisprat tieghu sabiex jevita l-incident mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Huwa maghruf li: ‘*ir-responsabbilta ghall-incident tigi determinate qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu*

*pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilta' ta' impatt. Dak li jigiri f'dak il-mument w aktar w aktar fl-'agony of collision', hu generalment irrilevanti ghal fini tar-responsabbilta"* [**Richard Micallef nomine vs Michael Debono** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993 mill-Onor. Imhallef J. Said Pullicino]. It-Tribunal jemmen li l-attur kien rinfaccjat b'emergenza subitaneja u li d-danni sofferti minnu kienu kagunati proprju minhabba l-azzjoni evaziva li kien kostrett li jiehu. Min-naha tieghu, l-attur li kien ghaddej minn triq principali kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku hiereg mit-triq sekondarja jieqaf wara l-*istop sign* u johrog minn fuqha bl-ikbar cirkospezzjoni (minhabba l-vizwali ridotta f'dik il-parti tat-triq).

10. B'riferenza ghall-ammont ta' danni reklamati, dawn ma gewx kontestati u gew ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' April 2001 gewwa Triq l-Assedju l-Kbir.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sebgha mija u hamsa u tletin lira Maltija u tlett centezmi (Lm735.03) in lineja ta' danni [Lm685.03 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited u Lm50 lil Carmel Farrugia].

Bl-ispejjez mid-data ta' notifika ta' l-ittra ufficjali, u fin-nuqqas mid-data ta' notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**